MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2008

Numru. 503/2006

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Mousa Negi, kif ukoll magħruf bħala Hsuna Mongi, iben Ibrahim, imwieled it-Tunisija fil-11 ta’ Frar, 1973

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fil-21 ta’ Mejju, 2006 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, f’Malta, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu minn Malta;
2. talli fil-21 ta’ Mejju, 2006 u fil-jjiem ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gżejjer assoċja ruħu flimkien u/ma xi persuna jew persuni oħra f’Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f’Malta li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Diċembru, 2008 fejn wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat iddikjara li jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikolu 337A(1) (bl-eskluzjoni biss ta' l-ewwel proviso ta' l-istess artikolu) tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-21 ta' Mejju, 2006 barra l-ibħra territorjali ta' Malta (59 mil bogħod minn Malta) kien hemm dgħajsa b'24 immigrant illegali. Dawn id-daħħlu Malta billi l-opra tal-baħar zviluppat ħsara fil-magna. Dan il-persuna nġabu Malta, fosthom l-imputat.

Illi jirrizulta li għal bidu dawn il-persuna ma ridux jiġu Malta iżda wara biddlu l-fehma tagħhom. L-imputat kien fost dawk li ma ridtx jiġi Malta għaliex hu kien ġie mkeċċi minn dawn il-Gżejjer.

Illi jirrizulta li l-imputat kien qed isuq din id-dgħajsa fil-mument li ġew megħjuna mill-Forżi Armati.

Illi jirrizulta li dawn il-persuni kien ħallsu lill-persuna libjana biex jagħmlu l-vjaġġ u l-imputat ma ġiex mitlub iħallas basta li jsuq id-dgħajsa.

Illi mill-provi kollha prodotti ma hemm ebda prova kontra l-imputat u kwalunkwe kumment ieħor hu żejjed.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------